

*Konvenut: L-Uffīċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)*

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Stefano Ricci SpA (Fiesole, l-Italja)*

### **Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Applikant għat-trade mark kontenjużha: ir-rikorrenti quddiem il-Qorti Ġenerali*

*Trade mark kontenjużha kkonċernata: it-trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea sr 1 – Trade mark tal-Unjoni Ewropea Nru 15 861 248*

*Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità*

*Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-2 ta' Mejju 2023 fil-Każ R 89/2021-2*

### **Talbiet**

*Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:*

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-EUIPO u lill-intervenjenti għall-ispejjeż.

### **Motivi invokati**

- Ksur tal-Artikolu 41(2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-“Karta”) fir-rigward tal-ksur tal-obbligu tal-amministrazzjoni li timmotiva d-deċiżjonijiet tagħha;
- Eċċess ta' poter u assenza ta' ġurisdizzjoni fl-evalwazzjoni tal-karattu distintiv tat-trade marks preċedenti min-naħħa tal-Bord tal-Appell tal-EUIPO;
- Assenza ta' motivazzjoni dwar punt deċiżiv tat-tilwima (ksur tal-Artikolu 41(2) tal-Karta) u ksur tal-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni *sub specie* prinċipju ta' legalità, tal-ugwaljanza fit-trattament u tal-amministrazzjoni tajba.
- Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-Artikolu 17(3) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni 2018/625 u tal-Artikolu 41(2) tal-Karta, b'mod partikolari, fir-rigward tal-evalwazzjoni tal-karattru distintiv ta' trade marks nazzjonali u mhux tal-Unjoni Ewropea, l-individwalizzazzjoni tal-pubbliku rilevanti kif ukoll l-analiżi sussegwenti tax-xebħ tas-sinjal kunfliġġenti.

---

### **Rikors ippreżentat fis-26 ta' Ġunju 2023 – AC Marca Brands vs EUIPO – den Ouden (SANITIEN)**

**(Kawża T-345/23)**

**(2023/C 286/53)**

*Lingwa tar-rikors: l-Ingliż*

### **Partijiet**

*Rikorrenti: AC Marca Brands, SL (Madrid, Spanja) (rappreżentanti: D. Pellisé Urquiza u J. C. Quero Navarro, lawyers)*

*Konvenut: L-Uffīċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)*

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Julia den Ouden (Amsterdam, il-Pajjiżi l-Baxxi)*

### **Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Applikant għat-trade mark kontenjużha: il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell*

Trade mark kontenzuża kkonċernata: it-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea "SANITIEN" – Applikazzjoni għal regiestrazzjoni Nru 18 384 320

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tad-19 ta' April 2023 fil-Każ R 1733/2022-1

### Talbiet

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-EUIPO u/jew lil Julia van Ouden għall-ispejjeż.

### Motiv invokat

- Ksur tal-Artikolu 8(1) u (5) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

---

### Rikors ippreżentat fid-29 ta' Ġunju 2023 – Kern Pharma vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-351/23)

(2023/C 286/54)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

### Partijiet

Rikorrent: Kern Pharma, SL (Barcelona, Spanja) (rappreżentanti: K. Roox, T. De Meese, J. Stuyck u C. Dumont, avukati)

Konvenut: Il-Kummissjoni Ewropea

### Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tiddikjara t-talba tagħhom għal annullament ammissibbli u fonda;
- tannulla d-Deċiżjoni ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni C(2023)3067 (final) tat-2 ta' Mejju 2023 (ippubblikata fl-4 ta' Mejju 2023) li temenda l-awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni mogħtija bid-Deċiżjoni C(2014)601(final) għat-Tecfidera – dimethyl fumarate”, prodott mediċinali għall-użu mill-bniedem (iktar 'il quddiem id-Deċiżjoni kkontestata”), kif ukoll kwalunkwe deċiżjoni sussegwenti, sal-punt li jipperpetwaw u/jew jissostitwixxu dik id-deċiżjoni inkluża kwalunkwe azzjoni regolatorja ta' segwit, sa fejn dawn jirrigwardaw ir-rikorrenti;
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż tal-kawża.

### Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka tmien motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq in-nuqqas ta' osservanza mill-Kummissjoni Ewropea tat-terminu sabiex tinkiseb estensjoni tal-protezzjoni tas-suq kif mitħub mill-Artikolu 14(11) tar-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (!).  
2. It-tieni motiv, ibbażat fuq li l-Kummissjoni Ewropea wettqet żball manifest fl-interpretazzjoni u l-implementazzjoni tas-sentenza tas-16 ta' Marzu 2023, Il-Kummissjoni et vs Pharmaceutical Works Polpharma (C-438/21 P sa C-440/21 P, EU:C:2023:213) u b'mod partikolari billi jitqies li r-rapport ta' evalwazzjoni ad hoc tal-11 ta' Novembru 2021 huwa irrilevanti.